MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Talba Numru. 144/2003

**Carmel sive Charles jew Charlie Bianco f'ismu u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer**

**vs**

**Pacifico Camenzuli**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Jannar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u sitta u tmenin lira Maltija u tmien centezmi (Lm786.08), u fejn intqal:**

**Illi fit-8 ta' Ottubru, 1998, inhargu diversi kambjali minn Pacifico Camenzuli favur Carmel sive Charles Bianco ghall-ammont ta' tmienja u disghin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm98.26) kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur. Il-konvenut naqas li jhallas tmien (8) kambjali ta' tmienja**

**u disghin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm98.26) kull wahda li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Ottubru, 1998 u Dicembru, 2002;**

**Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa ta' seba' mija u sitta u tmenin lira Maltija u tmien centezmi (Lm786.08) minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita` tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv, oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' John Sultana ghad-ditta attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ra l-kopji tal-kambjali esibiti liema kambjali skadew fit-30 ta' Jannar, 28 (30) ta' Frar, 30 ta' Marzu, 30 ta' April, 30 ta' Mejju, 30 ta' Gunju, 30 ta' Awissu, u 30 ta' Ottubru, 2001.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur proprio et noe s-somma ta' seba' mija u sitta u tmenin lira Maltija u tmien centezmi (Lm786.08), bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-maturita` ta' kull kambjala, cioe` 30 ta' Jannar, 2001, u fit-30 ta' kull xahar konsekuttiv sat-30 ta' Gunju, 2001, u fit-30 ta' Awissu, u 30 ta' Ottubru, 2001 kull kambjala tal-valur ta' tmienja u disghin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm98.26) il-wahda, sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------